MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 734/2007

**Fortuna Enterprises Limited (C9750)**

**Vs**

**Office Repairs Services Limited (C34106)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Settembru 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u hamsin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€857.58) ekwivalenti ghal tliet mija u tmienja u sittin Liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm368.16), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2008, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u hamsin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€857.58) ekwivalenti ghal tliet mija u tmienja u sittin Liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm368.16), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------